MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 1685/2004

**Maria Camilleri**

**Vs**

**Arab Diaeddin**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1,032.39c (elf u tnejn u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici kkagunati f’incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta’ Settembru, 2002 fi Triq il-Kosta, Naxxar, Salina bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAP 424 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAP 402 misjuqa mill-attrici, liema ncident sehh unikament tort u htija tal-konvenut u dana minhabba negligenza, mprudenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Frank Testa jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------